**Minuti tal-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa, tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016 fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. <u>Talba</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-minuti tal-laqgħat 41, 42 u 43ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Il-ħaddiema Christine Fenech taħt l-iskema tas-CIES talbet lil Kunsill sabiex ma jerġax jiġi mġedded il-Kuntratt peress li sabet xogħol ieħor. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sna. Christine Fenech kif ukoll tingħata replika ta' l-Għajn il-Kbira.

2.3 Batgħet l-ittra ta' aċċetazzjoni għal Tender FNT02/2015 lil Perit Anthony Bezzina fit-8 ta' Jannar 2016 fejn talbitu biex wara 10 ijiem mid-data ta' l-ittra jagħmel appuntament mal-Kunsill sabiex jiġi ffirmat il-Kuntratt. Il-membri talbu lis-Seg. Eżekuttiv sabiex terġa' tkellem lil Perit sabiex jiġi iffirmat il-Kuntratt. Is-Sindku informa lil membri li l-Avukat Joseph Attard li kien membru fil-Bord ta' Evalwazzjoni għal Servizz ta' Perit ma jridx jitħallas u għalhekk kien hemm qbil li tintbgħatlu ittra ta' ringrazzjament.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.4 Saru id-*double yellow lines* faċċata tal-garaxx tas-Sur Emanuel Grech fi Triq ta' Mulejja. Infurmat lil preżenti wkoll li qed isir iż-żebgħa tas-sinjali tat-traffiku fit-toroq minn ħaddiem tal-Kunsill.

2.5 Rigward il-ħamiem mitluq u marid fil-lokalita' ġie avviċinat Dr Mario Spiteri mill-*annimal welfare* fejn informa lis-Seg. Eżekuttiv illi biex l-Kunsill jeħles mill-problema tal-ħamiem wara li l-Kunsill jiktbilhom, l-*annimal welfare* jġibu l-permessi kollha meħtieġa, waqt li l-Kunsill wara li jinġiebu l-permessi neċessarji, jinforma lir-residenti biex jiġbru l-ħamiem tat-trobbija sabiex ta' l-*animal welfare* jkunu jistgħu jiġu jisparaw bl-*air guns*lil ħamiem li hu mitluq. Il-Kunsill irid ukoll jaħseb sabiex ikun hemm pulizija ma ta' l-*animal welfare* għal li jista' jinqala' u li dan jiġi mħallas mill-Kunsill.Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li nagħmlu dan aktar qrib is-Sajf peress li dak iż-żmien l-ħamiem jorqod barra iżda l-Kunsill xorta jitlob għal permessi meħtieġa. Il-membri qablu wkoll li qabel jintbgħat l-avviż lir-residenti dan jiġi mgħoddi lil Kunsilliera għal approvazzjoni tagħhom u jiġi indikat lil ta' l-*Animal Welfare* fejn qed iżomm il-ħamiem il-marid.

2.6 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn persuna li attendiet il-*weekend break* u staqsiet jekk hux kull ħadd ħallas u jekk kienx hemm 51 resident jew 53 resident li attendew. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi kulħadd ħallas żgur barra iż-żewġ Kunsilliera u tfal taħt is-6 snin u li rigward kemm kien l-ammont ta' residenti ser tibgħat il-lista' lil preżenti.

## 8. Approvazzjoni ta' kontijiet

Is-Sindku ta *ruling* sabiex l-approvazzjoni ta' kontijiet titla' l-fuq fuq l-Aġenda u dan għar-raġuni li fl-aħħar laqgħa ma ġewx approvati ħlasijiet. Is-Sindku staqsa kif ser jiġi iklarifikat il-kont tat-TC Cleaning peress li qed jarah ħafna il-kont tal-*bulky refuse.* Huwa qal li hemm għall-approvazzjoni il-ħlasijiet ta' Ottubru, Novembru u Diċembru. Is-Sindku staqsa jekk il-kuntrattur hux qed jibgħat lil Kunsill lil min qed jagħti s-servizz. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur ma jibgħatx fuq min kienu jinħarġu s-servizzi u wara li nġib il-*file* tal-*bulky refuse* ġie nnotat li minn meta beda f'Settembru li għadda sa l-aħħar ta Diċembru kien hemm diskrepanza fl-ammont li għandu mniżżel il-Kunsill u fl-ammont li talab għalih il-ħlas il-kuntrattur. Is-Sindku talab biex l-iskrivan Christopher Buhagiar jattendi għal laqgħa. Wara li ġie, dan ġie mistoqsi mis-Sindku jekk kienx hemm dak l-ammont mitlub ta' 21 servizz f'Diċembru, peress li beda jaħdem mal-Kunsill f'nofs Novembru.. L-iskrivan qal li ma ġewx mitluba dawk is-servizzi kollha. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li għandu jittieħed il-parir ta' l-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Avukat tal-Kunsill u għalhekk ġie ikkuntatjat l-Avukat fejn ta l-parir lil Kunsill. Għalhekk kien hemm qbil li sakemm jiġu vverifikati aktar fid-dettal dawn il-kontijiet għandhom jinqatgħu minn fuq iċ-ċedola ta' pagamenti. Il-membri qablu li għandhom jiġu ordnati kotba li jiġu iffirmati mir-residenti meta jinġabar l-iskart goff.
Kien hemm qbil ukoll sabiex is-Sur Philip Formosa jitnaqqas mill-kont tiegħu €80 tar-*reflectors* peress li dawk għandhom jingħataw mill-*insurance* peress li dan inkiser waqt li kien armat ma l-*iscaffolding*. Il-membri qablu li dan il-kont ukoll jinqata' minn fuq iċ-ċedola ta' pagamenti.

Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tad-Dipartiment tal-VAT li l-Kuntrattur tat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi mhux qed jippreżenta l-karta tal-VAT dan għar-raġuni li meta staqsa lis-Seg. Eżekuttiv dwar dan, infurmatu li matul is-sena li għaddiet ma ta ebda riċevuta tal-VAT. Is-Sur Micallef staqsa jekk kienitx inġibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur f'dan ir-rigward, is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi intbgħatet ittra lil kull min ma isottomettiex l-irċevuti fiskali lil Kunsill. Kien hemm qbil ukoll sabiex ma jiġux mgħoddija lilu l-pagamenti tiegħu qabel ma jippreżenta l-irċevuti tal-VAT ta' matul is-sena.

Wara il-korezzjonijiet meħtieġa fuq iċ-ċedola tal-pagamenti, iċ-ċedoli 33 u 34 ġew approvati u ffirmati quddiem il-membri preżenti.

3. <u>Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2015*</u>

L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jagħti spjegazzjoni lil Kunsill rigward il-*financial statements*. Is-Sur Galea ta' spjegazzjoni dettaljata tal-*financial statements* fejn informa lil membri tal-Kunsill illi l-Kunsill għalaq is-sena finanzjara 2015 b'*surplus* ta' €13,200. Għas-sena 2015 il-Kunsill kellu f'idejh €160,000 li tinkludi l-allokazzjoni tal-Gvern u anke dħul minn permessi ta' krejns, *tenders*, skemi u LES *administration fees.* Informa wkoll lil preżenti li issa l-*fixed assets register* huwa *up-to-date.* Qal ukoll li l-ispejjes tas-sena 2015 kienu *in line* mas-sena 2014. Il-Kunsill għandu jirċievi €6,000 li l-maġġoranza huma mill-LESA, Reġjuni u Skemi. Is-Sur Micallef staqsa xi flus kien għad baqa' mis-sena 2015 u għalhekk l-*accountant* spjega li l-Kunsill għalaq is-sena finanzjarna ghas-sena 2015 bi flus il-bank bl-ammont ta' €173,000 u li bħala *payables* il-Kunsill għandu xi jħallas €51,681 għal xogħol li sar fit-2015 imma l-*invoices* ġew għand il-Kunsill fis-sena 2016. Is-Sur Micallef qal li hu impossibli li l-Kunsill jagħmel iż-żewġ toroq u l-proġetti l-oħra li kien qabel fuqhom il-Kunsill. L-*accountant* qal li flus il-bank għas-sena 2014 kien għad baqa' €134,000. Is-Sur Galea qal li għalhekk x'ħin jitħallsu dawn il-kontijiet, il-Kunsill jibqalu €121,320 għas-sena 2015. Kompla jgħid li l-ispiża rikurrenti għas-sena 2016 għandha tkun madwar €110,000. *Capital*


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Commitments* tniżżlu l-kisi tal-bejt taċ-Ċentru Ċiviku, kisi ta' parti minn Triq John Gaspard le Marchant u ir-*resurfacing* ta' parti minn Triqil-Għajn. Is-Sindku staqsa lil *accountant* jistax jiġu approvat il-*financial statements* la l-Kunsill mhux qed jaqbel ma l-*invoices* tat-TC Cleaning Services. L-*accountant* infurmah illi hu l-obbligu tal-Kunsill li jitniżżlu l-*invoices* kollha li jirċievi l-Kunsill avolja jekk Kunsill ma jkunx qed jaqbel ma' l-*invoices* u li hu għalhekk li titniżżel bħala *payable* fuq il-*financial statements.* Il-membri qablu li għandhom jiġu approvati l-*Financial Statements* għas-sena 2015 u għalhekk ġie ffirmat mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

L-accountant tal-Kunsill qal ukoll li x'ħin kien qed jagħlaq l-*accounts* ġie nnotat li kien hemm xi *aged creditors* u li fl-*accounts* għadhom jidhru mhux imħallsa li ġejjin mis-snin 2010 - 2013. Dok A. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li kemm ilha Segretarja qatt ma rċieviet kontijiet ta' dawn il-kredituri. Il-membri qablu li ssir verifikazzjoni mal-*payment voucher*s tħallsux u wara jgħaddu l-korrezzjonijiet meħtieġa fuq is-sage. L-*accountant* qal li la l-kredituri ma reġewx bagħtu jkun iffisser li l-Kunsill ma għandux jgħaddilhom ebda pagament.

Il-membri rringrazzjaw lil *accountant* ta' l-ispjegazzjoni tiegħu.

4. <u>Ftehim bil-Kuntratt mal-Green MT</u>

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi fil-laqgħa li kellu l-Kunsill fit-13 ta' Jannar 2016 mas-Sur Joe Attard tal-Green MT u li għaliha attendew is-Sindku, s-Sur Horace Micallef, s-Sur Carmel Farrugia u s-Seg. Eżekuttiv ġie innegozjat illi l-Kumpanija Green MT ser tibqa' tħallas l-kollezzjoni ta' l-iskart separat, li ser joffru boroz griżi kull xahar biex jitqassmu lir-residenti, tibqa' ssir il-kollezzjoni tal-ħġieġ darba fix-xahar u li l-kollezzjoni tibqa' titħallas mill-Green MT izda mhu ser joffru ebda' ħlas għal ġbir ta' kull tunnellata. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li għalkemm bagħtet diversi drabi lil Green MT biex jibgħatu *draft* tal-Kuntratt xorta għadha ma rċeviet xejn. Infurmat ukoll lil preżenti illi l-Green Pak bagħtu emejl lil Kunsill li l-proposta tagħhom mhix negozzjabli. Is-Sindku u s-Sur Micallef qalu u l-membri qablu li s-servizz tal-ġbir ta' skart separate importanti ma jieqafx sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma b'dan lil Green MT. Is-Sur Micallef staqsa jekk il-Green Pak ġewx mitluba biex il-Kunsill jiltaqa' magħhom ħalli jiġi inegozjat il-*proposal* tagħhom. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-Green Pak bagħtu emejl lil Kunsill fejn infurmawh li ma jistgħux jinnegozjaw il-*proposal* tagħhom.

5. <u>Laqgħa annwali tal-Lokalita'</u>


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lil membri meta ser issir il-laqgħa tal-lokalita'. Is-Sindku propona u l-membri qablu li ssir qabel il-laqgha tal-Kunsill li jmiss jiġifieri t-Tnejn, 29 ta' Frar 2016 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

6. *Performance bonus* tas-Seg. Eżekuttiv u l-iskrivan

Is-Seg. Eżekuttiv ħarġet mill-kamra sabiex ikun jista' jiġi diskuss il-*performance bonus* tagħha u ta' l-iskrivan. Il-*online streaming* ukoll ġie mitfi. Wara diskussjoni fit-tul bejn il-membri, l-membri iddeċidew illi l-*performance bonus* tas-Seg. Eżekuttiv għandu jkun ta' 7% waqt li l-*performance bonus* ta' l-iskrivan għandu jkun ta' 4%.

7. Korrispondenza

7.1 Memo 4/2016 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Life long Learning* 2016 – 17. Fuq proposta tas-Sur Micallef il-membri qablu li japplikaw għal *korsijiet* tal-Ganutell, tal-Bizzilla u tal-*Monastery Work*.

Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri illi l-laqgħa ilha 3 siegħat u li skond il-liġi laqgħa tal-Kunsill ma tistax iddum aktar. Il-membri qablu li din il-laqgħa għandha titkompla nhar it-Tlieta, 2 ta' Frar 2016 fil-5.30 ta' fil-għaxija bl-istess aġenda.

IFFIRMATA

Saviour Borg
Sindku

IFFIRMATA*

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

**Il-minuti ta' din il-laqgħa ġew miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri iżda ippreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ħamis 5 ta' Mejju mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard li beda jservi f'din il-kariga b'effett mit-Tlieta 19 ta' April 2016. Minħabba f'hekk, dawn il-minuti ġew iffirmati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.*